# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

*Magistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Anthony Camilleri**

**vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti :

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Semgħet il-provi prodotti u rat id-dokumenti eżibiti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ il-Qorti trid tiddetermina fuq bażi "*prima facie*" jekk hemmx lok għalbiex in-*notitia criminis* li tkun saret lill-Pulizija tiġi

tradotta fil-konsegwenti azzjoni penali. L-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa li l-Qorti tal-Maġistrati twettaq forma ta' "judicial review" fuq l-operat tal-Pulizija meta, fil-każijiet kongruwi, ma tipproċedix bil-prosekuzzjoni tal-azzjoni penali minkejja n-*notitia criminis* magħmula lilha. Dan joħrog ċar mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet:- ***Adrian Busietta v. L-Avukat Generali et*** deċiża nhar it-13 ta' Marzu 2006.[1]

Il-livell ta' sodisfaċiment u suffiċjenza provdut mill-Liġi stess lill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ huwa li *prima facie* jkun hemm bażi għall-prosegwiment tal-azzjoni penali. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ssib li hemm *prima facie* lok li tinbeda l-azzjoni penali kontra l-persuna inkriminanda allura tordna lill-Pulizija sabiex jipproċedu b'din l-azzjoni.[2] Jiġifieri wieħed mill-eżamijiet li trid tagħmel dil-Qorti, (jekk

---

[1] fejn inter alia ingħad illi :

> 5. Il-partijiet ittrattaw l-appell fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2006, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum. Din il-Qorti hi tal-fehma li ghad-determinazzjoni ta' dana l-appell wiehed irid jezamina sew x'jimporta verament l-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali fis-sistema gudizzjarja, u specjalment fis-sistema penali, taghna. Dana l-artikolu, kif tajjeb osserva l-abbili Deputat Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu, huwa forma ta' judicial review ta' l-operat tal-pulizija.

[2] Ibid. fejn jingħad ukoll illi :

> 6. Kif jidher minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni, ghalkemm il-procedura ta' sfida tinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati – u skond prassi inveterata, dejjem gie ritenut li din il-Qorti tkun qed tagixxi fl-attribuzzjoni taghha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghalkemm id-disposizzjoni tal-ligi proprjament hija siekta dwar dan id-dettal – dak li fl-fatt taghmel il-Qorti huwa, mhux li tara jekk il-kwerelat, id-denunzjat jew il-persuna li fil-konfront taghha sar ir-rapport hux hati o meno tar-reat jew reati migjuba f'dik il-kwerela, denunzja jew rapport; anqas ma tara jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza, f'kaz li n-notitia criminis tkun tirreferi ghal reat li jgib piena ta' aktar minn sitt xhur prigunerija – procedura li tispetta lill-Qorti Istruttorja fil-kontradittorju tal-persuna eventwalment akkuzata; anqas ma tigbor il-provi li talvolta jkunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna – huwa infatti proprju ghalhekk li r-rikorrent, fil-procedura ta' sfida, jobbliga ruhu li eventwalment, u cioe` fil-proceduri,

mhux ukoll it-test prinċipali f'din il-proċedura) huwa li tara jekk il-Pulizija tkunx ibbażat id-deċizjoni tagħha ta' inerzja konsegwenti n-*notitia criminis* fuq raġunijiet ġustifikati jew le. Dan l-eżami ta' sindakar da parti tal-Qorti jeħtieġ li almenu jiġu sindikati l-elementi fil-pussess tal-Pulizija li fuqhom tkun ibbażat id-deċiżjoni jekk tistitwix l-azzjoni penali o meno u tara jekk sal-grad *prima facie* din id-deċiżjoni kienetx ġustifikata jew le.

Fil-fehma ta' diversi Qrati Superjuri Maltin, bil-grad *prima facie* il-Leġislatur ried jirrifletti grad ta' indaġini li ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell bħala "mal-ewwel daqqa t'ghajn".[3] Il-Qorti Kriminali fil-każ ***Fl-Atti tar-Rikors Anthony Xuereb vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija*** deċiż nhar it-23 ta' Settembru 2010 u li kien preċiżament jittratta każ tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali l-Imħallef Michael Mallia jgħid li għal dak li għandu x'jaqsam mal-grad *prima facie* l-Qrati Maltin donnhom sabu t-triq tan-nofs bejn il-grad tal-possibbli u dak tal-probabbli u għalhekk "jekk il-Magistrat jidhirlu illi l-provi migbura quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura

jekk talvolta jinbdew, kontra l-kwerelat, denunzjat jew il-persuna li fil-konfront taghha jkun sar ir-rapport, jaghti x-xiehda tieghu u jgib il-provi "li jkollu f'idejh"; izda dik il-Qorti tissindika biss l-operat tal-Pulizija biex tara jekk ir-rifjut ta' l-istess Pulizija li tmexxi l-azzjoni kriminali kienx gustifikat o meno. F'dan is-sens, il-persuna "investigata" hija l-Pulizija, li trid tiggustifika l-inazzjoni taghha, u mhux il-persuna li tkun issemmiet fil-kwerela, fid-denunzja jew fir-rapport. Il-procedura ta' sfida hija procedura li biha l-awtorita` gudizzjarja, a differenza ta' xi awtorita` ohra gerarkikament superjuri ghal dik tal-Pulizija Ezekuttiva, tara jekk il-Pulizija Ezekuttiva, tkunx imxiet korrettement f'kaz partikolari fejn hija tkun qed tghid li m'ghandhiex tagixxi in segwitu ghal rapport, denunzja jew kwerela partikolari.

[3] Ara "**Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfre'**", Qorti tal-Appell, deciza nhar l-14 ta' Lulju 1988.

f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex il-grad ta' prima facie jigi milhuq u l-kawza tkun tista titkompla".

Fil-każ ***Il-Pulizija vs Giovanni Calcaterra***, dekretat mill-Qorti Kriminali nhar is-27 ta' Frar 2014 ġie *inter alia* dekretat li dan il-grad ta' *prima faciae* huwa l-istess għall-każijiet kollha fejn il-Qorti tal-Maġistrati hija meħtieġa bil-Liġi li tilħaq dak il-grad, inkluż fi proċeduri ai termini tal-Artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja. Dan ifisser li l-grad ta' *prima faciae* jistrieħ fuq livell ta' konvinċiment ferm aktar baxx minn dak meħtieġ minn min irid jiġġudika l-fatti sabiex ikun jista jsib ħtija, u kif intqal fis-sentenza hawn fuq imsemmija in re *Xuereb*, jistrieħ fuq livell bejn il-grad tal-possibbli u dak tal-probabbli – u dipendenti fuq jekk il-Qorti tqisx li hemm provi biżżejjed li kien jistħoqqilhom aktar investigazzjoni.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma' xhieda u anke sottomissjonijiet magħmula mill-Abbli Avukati rispettivi, nonche mir-rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-punt meritu ta' din il-kawża huwa wieħed interessanti u li għandu implikazzjonijiet serji mhux biss fuq din il-proċedura. It-talba tar-rikorrent hija dik imsejsa fuq l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali fejn tawspika l-eżerċizzju tal-

azzjoni penali kontra ta' Frederick Azzopardi proprio u bħala Chairman u rappreżentant ta' Enemalta plc.

Dan huwa każ fejn ir-reat pretiż huwa dak ta' *ragion fattasi* ossija eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet u dan minħabba li skont ir-rikorrent, Frederick Azzopardi pro et nomine ħa il-liġi b'idejh meta huwa "hedded lill istess Anthony Camilleri li jekk ma kienx ser iħallas immedjatament l-ammont minnu pretiż u miltub kien ser jordna lill impjegati tiegħu biex jissospendu s-servizz t'elettriku tad-dar tal-istess Anthony Camilleri".

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

1. Illi l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jgħid : -

> **85.** (1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, igieghel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:
>
> Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il- piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.

Il-fonti ispiranti l-Liġi Maltija huwa l-Artikolu 168 tal-***Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie***. Dan l-Artikolu fil-fatt jippreskrivi r-reat bħala ***vie di fatto*** u jsegwi[4] : -

> Chiunque senza oggetto di furto o di recar danno per ingiuria, ma solamente per l'esercizio di un preteso diritto, obblighi altri al pagamento di un debito, o alla soddisfazione di un'obbligazione qualunque, o disturbi un'altrui possesso, demolisca fabbricati, devii acque e simili, e' punito col primo al secondo grado di prigionia, salve le pene maggiori nel case di un reato per se stesso maggiore.

Din il-Qorti tqis li dan l-Artikolu 85 huwa pratikament identiku għal dak li kien viġenti fil-***Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie***. Dan ifisser li l-interpretazzjoni li trid tingħata trid tkun konsoni ma' dan it-test tal-Liġi Borbonika.

Illi fil-kawża ***Il-Pulizija versus Eileen Said*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal : -

> Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of

---

[4] Napoli, Presso Angelo Trapani, 1819, fol 73 : *De' reati contra l'amministr. pubblica*, Sezione III, *Dell'uso privato de' mezzi della pubblica' autorita'*.

> or claim for damages.....” (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law” (Parti Speċjali) Vol. II).

Minn qari tal-każijiet li jittrattaw dan is-suġġett il-Qorti tara li l-Qrati Maltin ħadnu l-interpretazzjoni ta’ dan l-Artikolu b’mod konsoni ma dak mistqarr mill-Awturi dwar il-Kodiċi Borboniku, **<u>kif ukoll</u>** interpretaw dan l-Artikolu fl-ambitu aktar wiesa’ tal-insenjament tal-Carrara, li kien qiegħed jikkummenta fuq il-Kodiċi tar-Renju tal-Italja (il-Kodiċi Sabaudo) u dan peress li għalkemm ma hemmx l-identiċita tal-kliem f’dawn il-Liġijiet, hemm żgur somiljanza wisq kbira bejniethom fir-rigward tal-elementi prinċipali tar-reat de quo.

It-test tal-Kodiċi Sabaudo fil-materja tar-reat li hemmhekk huwa riferit bħala dak ta’ ***ragion fattasi*** jaqra hekk : -

> 286. Chiunque con violenze verso le persone, ed al solo oggetto di esercitare un preteso diritto, taluno a pagare un debito, o ad eseguire un' obbligazione qualunque, o, turba l’altrui possesso, demolisce fabbricati, devia abbatte alberi, siepi vive o ripari stabili sarà, punito :
>
> 1. Colla relegazione estensibile ad anni dieci, se, la violenza sarà, stata fàtta con armi ed'accompagnata da percossa o ferita;
>
> 2. Col carcere non minore di tre mesi, se si sarà fatto uso d'armi, ma senza percosse nè ferite ovvero se siano intervenute percosse o ferite, ma senz'armi;
>
> 3. Col carcere estensibile a tré mesi, se 'la violenza sarà seguita senza percossa o ferita e senza armi.

Alla pena del carcere sarà aggiunta una multa estensibile sino al doppio del danno recato.

Sono salve in tutti i casi le maggiori' pene pei reati per se stessi più gravi.

287. Se la demolizione di fabbricati, o la deviazione d'acque, o l'abbattimento di alberi, siepi vive o ripari stabili, fu bensì commessa allo scopo di esercitare un preteso diritto, ma non v'ebbe violenza verso le persone, il colpevole sarà punito con una multa non maggiore del doppio del danno recato.

Dan ir-reat jaqa' taħt il-Capo 3 li jitratta r-reati li jikkostitwixxu disubbidjenza u nuqqasijiet oħra versu l-pubblika awtorita'. Il-Carrara jippreskrivi t-tifsira ta' dan ir-reat b'dan il-mod :

La *ragion fattasi* (1) e' il delitto di chiunque – *credendo di avere un diritto sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazione speciali di altri diritti.*[5]

Din id-definizjoni tirrifletti wkoll l-elementi tar-reat skont l-istess Carrara huma :

1.o Un *atto esterno* che spogli altri di un *bene che gode*, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o *Credenza* di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o *Coscienza* di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o *Mancanza di titolo piu' grave*.[6]

---

[5] ***Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale***, Volum 5, Lucca, 1868, paġna 486, paragrafu 2849.
[6] Ibid. Paġna 487, paragrafu 2850.

Għalkemm ir-reat fil-Kodiċi Sabaudo mhux identiku għal dak misjub fil-Kodiċi Kriminali Malti u dak tar-Regno delle Due Sicilie, b'mod partikolari in kwantu jisħaq fuq element ieħor, ossija tal-vjolenza kontra persuna, l-elementi l-oħra, dak formali *in primis* jibqa' l-istess. Fil-kuntest legali Malti u dak Borboniku mhux meħtieġ li l-azzjoni tkun eżegwita bil-mezz ta' vjolenza. Iżda l-qofol tal-istess reat, kemm taħt il-Kodiċi Sabaudo kemm taħt dak Borboniku, jibqa' ppernjat fuq l-elementi li ġew elaborati mill-Qrati Maltin kemm f'sentenzi qodma bħal dik mogħtija mill-Imhallef W. Harding fil-każ ***Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et*** (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża ***Il-Pulizija vs Anthony Zahra***, nhar l-20 ta' Ġunju 2014 li jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna ;

b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;

c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;

d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi ;

Dan jirrispekja dak mistqarr mill-Carrara kif jidher aktar il-fuq. Iżda dawn il-Qrati abbraċċjaw ukoll l-interpretazzjoni t'awturi oħra, b'mod speċifiku dawk li jikkummentaw fuq il-Kodiċi Borboniku u li komplew jelaboraw kif il-fatti speċifiċi f'każ għandhom jiġu interpretati sabiex ir-reat ta' ragion fattasi jkun jista' jiġi integrat.

Sabiex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux biżżejjed li persuna tiġi turbata fil-**pussess** ta' fond jew jedd, ikun xi jkun dak il-pussess – iżda jrid jiġi pruvat li jkun hemm dak il-pussess jew forma tiegħu. Anke detenzjoni ta' dar fuq mera tolleranza minn konjuġi u li ġiet disturbata bl-azzjoni ta' bdil ta' serratura tal-bieb ta' barra dakinhar ta' meta l-Qorti iddekretat l-annullament taż-żwieġ bejn il-konjuġi ġiet ritenuta li tintegra r-reat ta' ragion fattasi f'dan il-pajjiż u dan peress li kien hemm l-i*status quo* li ġie abbużivament u arbitrarjament mibdul bl-azzjoni unilaterali tal-aġent minflok ma rrikorra għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja.[7] B'hekk huwa ġie li *si e' fatto arbitariamente ragione* u mhux sempliċiment *si e' fatto ragione da se'*. Skont il-Cassazione Penale, Sez. VI, sent. 11118 tat-22/11/1985 *Mioli* ġie deċiż li r-reat ta' ragion fattasi mhux intiż li jippunixxi *chi si fa ragione da se' ma chi si fa* ***arbitrariamente***

[7] Ara *Il-Pulizija vs Joseph Bongailas*, Qorti tal-Appell Kriminali, 22 t'Ottubru 2001 fejn intqal li :

> Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.

*ragione*[8] b'mod li jitturba l-*istatus quo* prevalenti fil-mument meta jsir l-att kriminali.

Skont il-**Carmignani**, it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda irid ikun hemm pussess "**attwali**" **u** li l-azzjoni tat-terz tkun twassal għat-turbattiva ta' dak l-*istatus quo*: -

> 879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. **Se una cosa mobile od immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso**; 3. Se un colono, finita la locazione, ricusa di lasciare il fondo;....[9]

Din il-Qorti għalhekk trid tindaga wkoll x'kien l-*istatus quo* fil-perjodu rilevanti għall-kawża u jekk allura l-pussess reklamat mill-parte ċivile kienx wieħed attwali fis-sens hawn fuq deskritt.

Anke skont l-**Arabia**, l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiża li tissanzjona t-turbativa tal-pussess ta' persuna *per se* iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat :

---

[8] Hawnhekk il-Qorti tal-Kassazzjoni rriteniet li ma kienx ġie integrat ir-reat ta' ragion fattasi fil-każ fejn il-proprjetarju ta' stabbli biddel is-serratura ta' bieb t'aċċess għal uffiċini u b'hekk għalaq l-aċċess lill-kerrejja tal-istess uffiċini u li kienu ġew inutilment diffidati milli jiżvolġu fil-fondi mikrija rispettivament l-attivita' li għaliha kienu krew u li wara ġew diffidati milli jwetquha.

[9] Enfazi mizjuda – "Elementi di Diritto Criminale", Giovanni Carmignani, Traduzione italiana sulla quinta edizione di Pisa del Profs. Caruana Dingli, Milano, 1863, fol 318.

> Il che da una parte dimosta che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' *mezzi dell'autorita' pubblica*. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio."[10]

Din il-Qorti tifhem li dawn il-kummentaturi li kienu qed jikkonċentraw fuq il-Liġi Napoleonika u dik Borbonika tal-*vie di fatto* (identika għal dik Maltija *in materia*), u li trid tiġi interpretata wkoll fl-isfond ta' dawk l-elementi li l-Qrati Maltin saħqu fuqhom matul is-snin – u li kif intwera' ibbażaw fuq ir-reat simili ħafna ta' *ragion fattasi* fil-Kodiċi Sabaudo.

Jirriżulta ċar, anke mill-ġurisprudenza Taljana li l-oġġett ġuridiku tutelat mir-reat ta' *ragion fattasi* għadu dibattut u jifred lill-ġuristi fl-opinjonijiet tagħhom. Hemm il-kurrent tradizzjonali li ssostni li dan ir-reat huwa msejjes fuq l-azzjoni tas-suġġett attiv li toffendi l-interess għar-rikors obbligatorju għall-ġurisdizzjoni, ossija l-monopolju ġurisdizzjonali. Hemm imbagħad il-kurrent ta' ħsieb l-ieħor li huwa li jikkonċentra aktar fuq l-aspett li l-offiż fir-reat tar-ragion fattasi huwa l-*istatus* tal-pussess tad-drittijiet intiż bħala stat ta' fatt li in bażi tiegħu persuna ssib ruħha fil-possibilita' li teżerċita kwalsiasi dritt in kwantu tkun titolari ta' *apparentia iuris*.[11]

[10] "I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie", Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.

[11] Ara Codice Penale, Tullio Padovani, Tomo I, IV Edizione, 2007, Giuffre Editore, paġna 2610 taħt il-vuċi "oggetto giuridico".

Inoltre, skont il-Carrara *"qui continuat non attentat"*[12]; u dan jagħmel sens fil-loġika tal-Carrara u tar-reat innifsu għaliex skont kif jgħid l-istess awtur fil-paragrafu 2851 tal-Opra hawn fuq ċitata : -

> L'atto esterno deve privare altro *contro sua voglia* di un *bene che gode*. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e *continua* a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque ; perche' la legge protegge lo *stato quo,* il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

Dan huwa wkoll rifless fil-ġurisprudenza Taljana aktar reċenti minn fejn jirriżulta li : -

> Si e' conseguentemente precisato che ... autore del delitto puo' essere soltanto chi non si trova nel possesso della cosa, poiche solo in tal caso si puo' verficare quella turbativa nel godimento di fatto che costituisce uno degli elementi essenziali del reato (tra le piu' recenti, Cass. VI 13.11.81, Papa, G PEN 1982, II, 648; Cass. VI 7.5.85, Spallina', CP 1986, 1766; Cass. VI 26.3.85 Pirola, CP1986, 1935). In effetti, sopratutto dalla circostanza che il diritto deve essere <presteso> si ricava come gli elementi sopre indicati descrivano innanzitutto come presupposto del reato l'esistenza di un conflitto di pretese, ovvero il requisito della contenziosita' del diritto.[13]

L-aspett tal-kontenzjożita huwa importanti wkoll anke għall-Arabia meta jgħid : -

---

[12] Ara Programma, Vol. 5, pagna 488.

[13] Codice Penale, Tullio Padovani, op. cit. a fol 2611 taħt il-vuċi "soggetto attivo".

Ma che s'intende per dritto posto in controversia? Ogni dritto il cui esercizio e' chiaramente e solennemente controvertito, sia con un fatto giudiziale, sia con un fatto materiale, che l'altro avea dritto almeno apparente di fare. Si supponga p.e. che Tizio abbia conceduto a Caio la facolta' di passare pel suo fondo per certo tempo e con certe condizioni. Se essi venissero in controversia sull'esercizio di questa facolta', e Caio citasse Tizio innanzi al magistrato per farsi conservare nel diritto di passaggio, Tizio incorrerebbe nell'art. 168 se facesse qualche opera per cui il passaggio fosse turbato. Abbia o non abbia diritto, viola la legge facendo cio' si spetta all'autorita' pubblica gia' invocata. Per lo contrario, se prima che Caio adisca il magistrato, Tizio pone una siepe o un cancello o altro segno visibile, che chiaramente pone in controversia la facolta' di Caio, questi incorre nell'art. 168, se invece di adire il magistrato, rompa la siepe o il cancello e passi, abbia o non abbia diritto. Nel che notisi che il porre il cancello che fece Tizio puo' essere ingusto, e quindi una turbativa del possesso di Caio, ma egli non puo' essere astretto che con la sole azione civile, perche' quando pose il dette cancello, non dove' distruggere alcun segno visibile del possesso di Caio, onde e' presunta buona fede, non essendovi stata controversia di cui vi siano segni tali, che tolgano ogni dubbio sulla volonta' dell' altro di contraddirgli il possesso, onde si debba aver ricorso all'autorita'. Gli elementi dunque del reato dell'art. 168 sono a) uno de' datti materiali in esso descritti, e tassativamente nominati, cioe' costringere a pagare un debito, turbare il possesso ec. b) che cio' sia fatto per l'esercizio di un dritto messo in controversia e cosi' che sia richiesta l'opera dell'autorita' pubblica a deciderla, poco importando se questo dritto sia o non sia reale; solo che sia chiaramente controvertito.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ jidher li l-"kontenzjuż" bejn il-partijiet tnissel mill-fatt li r-rikorrent allegatament kienu ġew misjuba xi inkonsistenzi fil-konsum tal-elettriku fir-residenza tiegħu tali li għall-Enemalta dan kien frott ta' serq ta' elettriku. Il-kwistjoni hija jekk *prima faciae*

Frederick Azzopardi inkorriex fir-reat ta' *ragion fattasi* meta huwa eżiġa l-ħlas ta' dak reklamat mill-Enemalta meta skont ir-rikorrent huwa "hedded" li kien ser jaqta' l-provvista tal-elettriku tar-rikorrent jekk ma jħallasx l-ammont pretiż minnu għan-nom tal-Enemalta.

Skont ir-rikorrent dan huwa qisu att ta' "bullying" fuq il-konsumatur – fejn l-Enemalta tippretendi li tista' tgħaddi qisha b'gaffa fuq il-konsumatur li jiġi kostrett b'dahru mal-ħajt iħallas li trid l-Enemalta mingħajr ma jista' jistaqsi kif u għaliex hija qegħda titlob dan.

Issa f'dan il-każ mill-provi rriżulta li l-Enemalta kienet għamlet indaġini fil-konfront tal-meter tal-elettriku li kien użat mir-rikorrent u din dehrilha li dan il-meter kien "imbagħbas" u minħabba fil-fatt li kellu biċċa tertuqa fih ma kienx qiegħed jiġi reġistrat l-ammont veru ta' konsum ta' kurrent elettriku li kien qed jiġi kunsmat fir-residenza tar-rikorrent.

Issa din il-Qorti mhix sejra tidħol fil-meritu ta' jekk ir-rikorrent għamilx atti ta' serq ta' elettriku jew le għax dan imur lil hinn mis-setgħat ta' din il-Qorti f'din il-proċedura. Iżda hija sejra tagħmel l-analiżi u l-kummenti tagħha biss u limitatament għal dak li jirrigwarda din il-proċedura speċjali.

Ġie pruvat li l-Enemalta għandha diversi għodod li permezz tagħhom tista' tassigura li l-kontijiet tal-provvista tal-elettriku (tal-konsum) tagħha jiġu mħalsa mill-konsumatur. Dawn il-jeddijiet jitnisslu mhux biss mill-Liġi Ċivili in kwantu hija tkun kreditur *in buona fede*, iżda huma wkoll imsaħħa minn liġijiet partikolari li jagħtu setgħa lill-Enemalta plc li tieħu azzjonijiet partikolari fil-każ li skont l-Enemalta jkun hemm serq ta' elettriku minn xi konsumatur.

Issa din il-Qorti għarblet sewwasew l-argumenti kollha tal-Abbli Difensuri tal-partijiet u tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, taqbel ma bosta mill-argumenti miġjuba mill-Kummissarju tal-Pulizija. Ir-regolament 88 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 223 tal-1940 kif sussegwentement emendat kien u għadu jagħti diversi setgħat lill-Enemalta kemm fiż-żmien meta inkixfu l-allegati irregolaritajiet fl-2010 (meta dan ir-regolament jinsab fil-LS 423.01) kif ukoll illum (meta dan ir-regolament jinsab fil-LS 545.01) meta din jidhrilha li jkun hemm serq ta' kurrent elettriku.[14]

---

[14] Dan ir-regolament jipprovdi (fil-partijiet l-aktar importanti u essenzjali tiegħu u li għamlu riferenza għalihom il-partijiet fit-trattazzjoni ta' dan il-każ) : -

**<u>LS423.01 – regolament 88 : -</u>**

> **88.** (1) Meta rappreżentanti tal-Enemalta, awtorizzati kif imiss, ikunu raġonevolment sodisfatti illi l-*meter* tal-elettriku ġie mbagħbas jew li konsumatur jew xi persuna kisbet provvista tal-elettriku mhux skond il-liġi, jew li konsumatur jew persuna jkun responsabbli għal serq ta' elettriku, l-Enemalta jkollha l-jedd illi:

(*a*) minnufih tissospendi l-provvista tal-elettriku lejn dak il-*meter* li ġie mbagħbas jew lill-konsumatur jew persuna li jqis bħala responsabbli li tkun kisbet provvista mhux skond il-liġi, jew għas-serq, u li tkompli għaddejja b'dik is-sospensjoni sa meta l-konsumatur jew il-persuna responsabbli tħallas l-ammonti kollha dovuti lill-Enemalta jew, jekk ikun hemm kontestazzjoni dwar il-fatti jew l-ammonti dovuti minn dik il-persuna, sa dak iż-żmien li l-kontestazzjoni tiġi risolta; u
(*b*) titlob bil-miktub, mingħand il-konsumatur jew il-persuna konċernata, l-ħlas tal-ammont kalkulat mill-Enemalta bħala li huwa dovut lilu għall-provvista tal-elettriku li tkun inkisbet bil-mod mhux skond il-liġi kif imsemmi f'dan l-artikolu, liema ammont jiġi bbażat fuq perjodu massimu ta' ħames snin, bl-imgħaxijiet li jiġu kalkolati bir-rata stabbilita bir-regolament 66(3), u l-imgħaxijiet jibqgħu jakkrexxu sa ma jsir il-ħlas kollu dovut; u
(ċ) jitlob il-ħlas addizzjonali ta' somma in assaldu għal danni potenzjali li ġġarrab l-Enemalta ekwivalenti għal 10% tal-ammont dovut għall-provvista ta' l-elettriku lit kun kisbet bil-mod mhux skond il-liġi;
(*d*) titlob il-ħlas dovut lill-Enemalta għat-tneħħija tal-*meter* mbagħbas u fejn ikun japplika għall-istallazzjoni mill-ġdid ta' *meter* ta' l-elettriku; u
(*e*) tirrifjuta li terġa tibda tagħti l-provvista tal-elettriku qabel ma jkun ġie imħallas kull ammont dovut kif stipulat fil-paragrafi (*a*), (*b*), (ċ), u (*d*), jew ikun sar ftehim bil-miktub għal dan il-ħlas mal-Enemalta.

(2) Ir-riżultanzi skond is-subregolament (1)(*a*) u kull somma dovuta lill-Enemalta skond is-subregolament (1)(*b*), (ċ) u (*d*) għandhom jiġu notifikati bil-miktub lill-konsumatur jew persuna konċernata jew permezz ta' ittra reġistrata jew permezz ta' ittra uffiċjali li tiġi ppreżentata fil-qorti, u konsumatur jew persuna li tkun trid tikkontesta l-konklużjonijiet jew xi ammont dovut, tkun tista' tagħmel dan billi tippreżenta talba fit-Tribunal ta' l-Arbitraġġ kif provdut fl-Iskeda IV li tinsab ma' l- Att dwar l-Arbitraġġ:

**<u>LS545.01 – regolament 88 : -</u>**

**88.** (1) Meta rappreżentanti tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, awtorizzati kif imiss, ikunu raġonevolment sodisfatti illi l-*meter* tal-elettriku ġie mbagħbas jew li konsumatur jew xi persuna kisbet provvista tal-elettriku mhux skond il-liġi, jew li konsumatur jew persuna jkun responsabbli għal serq ta' elettriku, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkollu l-jedd illi:
(*a*) minnufih jissospendi l-provvista tal-elettriku lejn dak il-*meter* li ġie mbagħbas jew lill-konsumatur jew persuna li jqis bħala responsabbli li tkun kisbet provvista mhux skond il-liġi, jew għas-serq, u li jkompli għaddej b'dik is-sospensjoni sa meta l-konsumatur jew il-persuna responsabbli tħallas l-ammonti kollha dovuti lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew, jekk ikun hemm kontestazzjoni dwar il-fatti jew l-ammonti dovuti minn dik il-persuna, sa dak iż-żmien li l-kontestazzjoni tiġi risolta; u
(*b*) jitlob bil-miktub, mingħand il-konsumatur jew il-persuna konċernata, l-ħlas tal-ammont kalkulat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni bħala li huwa dovut lilu għall-provvista tal-elettriku li tkun inkisbet bil-mod mhux skond il-liġi kif imsemmi f'dan irregolament, liema ammont jiġi bbażat fuq perjodu massimu ta' ħames snin, bl-imgħaxijiet li jiġu kalkolati bir-rata stabbilita bir-regolament 66(3), u l-imgħaxijiet jibqg]u jakkrexxu sa ma jsir il-ħlas kollu dovut; u

Verament li l-Enemalta mhix il-Qorti li tiddeċiedi jekk konsumatur partikolari jkunx verament ħati ta' serq t'elettriku jew le. Iżda minn dan ir-regolament jirriżulta li jekk ir-rappreżentanti awtorizzati tal-Enemalta jkunu "raġonevolment soddisfatti" li l-meter tal-elettriku jkun ġie mbgħabas jew li l-konsum tal-elettriku jkun sar mhux skont il-liġi jew li jkun hemm serq ta' kurrent elettriku, allura l-istess regolament jagħti lill-Enemalta diversi setgħat straordinarji.

---

(ċ) jitlob il-ħlas addizzjonali ta' somma in assaldu għal danni potenzjali li jġarrab l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ekwivalenti għal 200% tal-ammont
(*d*) jitlob il-ħlas dovut lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għat-tneħħija tal-*meter* mbagħbas u fejn ikun japplika għall-istallazzjoni mill-ġdid ta' *meter* ta' l-elettriku; u
(*e*) jirrifjuta li jerġa jibda jagħti l-provvista tal-elettriku qabel ma jkun ġie imħallas kull ammont dovut kif stipulat fil-paragrafi (*a*), (*b*), (ċ), u (*d*), jew ikun sar ftehim bil-miktub għal dan il-ħlas mal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(2) Ir-riżultanzi skond is-subregolament (1)(*a*) u kull somma dovuta lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni skond is-subregolament (1)(*b*), (ċ) u (*d*) għandhom jiġu notifikati bil-miktub lill-konsumatur jew persuna konċernata jew permezz ta' ittra reġistrata jew permezz ta' ittra uffiċjali li tiġi ppreżentata fil-qorti, u konsumatur jew persuna li tkun trid tikkontesta l-konklużjonijiet jew xi ammont dovut, tkun tista' tagħmel dan billi tippreżenta talba fit-Tribunal ta' l-Arbitraġġ kif provdut fl-Iskeda IV li tinsab ma' l- Att dwar l-Arbitraġġ:

Iżda l-proċeduri kriminali li jistgħu jinbdew kontra l-konsumatur jew il-persuna konċernata taħt il-Kodiċi Kriminali jew xi liġi oħra, isiru indipendentement mill-proċeduri hawn qabel imsemmija, iżda l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma jippreżenta ebda kawża ċivili kontra l-konsumatur jew il-persuna konċernata sabiex jitħallas l-ammonti dovuti jekk dak il-konsumatur jew persuna konċernata jaqblu li jħallsu l-ammonti
dovuti skond is-subregolament (1)(*b*) sa (*d*):

Iżda wkoll iċ-*Chairman* tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkollu d-diskrezzjoni assoluta li:
(*a*) jirrinunzja għal proċeduri kriminali kontra persuna jew konsumatur kif hawn qabel imsemmi;
(*b*) għal raġuni valida u suffiċjenti li tingħata bil-miktub, ibiddel, ivarja jew jiddisponi għal kollox mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament fil-konfront ta' xi konsumatur jew persuna individwali jew ta' xi klassi partikolari ta' konsumaturi jew persuni.

Dan ir-regolament 88(1) allura juri li almenu *prima faciae* l-Enemalta għandha **jedd mogħti lilha bis-saħħa ta' liġi** li minnufih tissospendi l-provvista tal-elettriku lejn dak il-meter li ġie mbagħbas jew lill-konsumatur jew persuna li tqis bħala responsabbli li tkun kisbet provvista mhux skont il-Liġi jew għas-serq. Dan il-jedd huwa eżerċitabbli minnha bis-saħħa tal-Liġi stess u l-Enemalta ma għandhiex għaliex tadixxi l-awtorita tal-maġistrat sabiex hija tkun tista' teżerċita l-istess dritt in kwantu l-istess dritt huwa bil-liġi mogħti lilha u vestit fiha. Dan il-punt waħdu jinnewtralizza wieħed mill-elementi meħtieġa sabiex tkun proposta l-azzjoni tar-reat ta' ragion fattasi u ċjoe li s-suġġett attiv ikun irid ikun aġixxa bix-xjenza li jkun qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali – ossija l-użurpazzjoni tal-privat ċittadin tal-monopolju ġurisdizzjonali.

Dawn huma jeddijiet mogħtija lill-Enemalta in kwantu tkun vitma tar-reat ta' serq ta' elettriku, aktar milli għaliex hija tkun kreditriċi ta' debitu ċivili jew kummerċjali komuni. Il-loġika tal-leġislatur hija li f'ċirkostanzi eċċezzjonali ġew mogħtija rimedji eċċezzjonali.

Biss din il-liġi ma tieqafx hemm u tagħti s-setgħa lill-Enemalta wkoll li tkompli għaddejja bis-sospensjoni sa meta l-konsumatur jew il-persuna responsabbli tkun ħalset dak dovut lill-Enemalta inkluż

sakemm tintemm il-kontestazzjoni, jekk ikun hemm waħda. Tista' anke tirrifjuta li terġa tibda tagħti l-provvista tal-elettriku qabel ma jkun ġie mħallas kull ammont dovut jew ikun sar ftehim bil-miktub għal dan il-ħlas mal-Enemalta.

Apparti minn hekk l-Enemalta ma għandhiex biss il-jedd li hija tissospendi l-provvista tal-elettriku lill-klijent tagħha. Mill-mod kif inhu miktub ir-regolament 88 hawn fuq imsemmi, dan jagħti diversi jeddijiet li l-Enemalta tista' tirrikorri għalihom. Dawn huma msemmija fil-paragrafi a sa e. Issa dawn huma jeddijiet li ma hemmx għalfejn jiġu eżerċitati kumulattivament. Ladarba l-Enemalta hija mogħtija dawn il-jeddijiet, jispetta lilha li tiddeċiedi liema jeddijiet teżerċita u liema le skont kif jidhrilha.

Apparti minn hekk anke l-jedd imsemmi fil-paragrafu a fejn jikkonċedi lill-Enemalta l-possibilita li hija tissospendi l-provvista tal-elettriku, dan jista' jiġi eżerċitat skont kif l-Enemalta jidhrilha xieraq. Għalkemm kwalifikat bil-kelma "minnufih" dan il-paragrafu jrid jinqara fil-kuntest sħiħ ta' dan ir-regolament. Minnufih ma tfisser xejn għajr ħlief li l-Enemalta tista' tissospendi l-provvista b'effett immedjat, "immediately" fit-test Ingliż. Dan ma jfissirx li hija obbligata dejjem u f'kull każ li taqta' l-provvista jew li jekk tiddeċiedi li taqta' l-provvista bilfors trid tagħmel dan

immedjatament. Tista' tissospendi l-provvista immedjatament iżda mhux bil-fors. Tista' tissospendi l-provvista anke wara, jekk mhux minnufih.

F'dan il-każ pero ma hemmx biss dan ir-regolament li l-Enemalta jagħtiha d-dritt li tissospendi l-provvista tal-elettriku lill-konsumatur. Għandek ukoll liġi oħra li hija r-rabta kontrattwali maħluqa bejn l-Enemalta u r-rikorrent skont ma jirriżulta mid-dokument eżibit a fol 42 u 100 tal-proċess. Minn dan id-dokument jirriżulta li r-rikorrent innifsu, tajjeb jew ħażin, iffima għal dikjarazzjoni[15] li permezz tagħha huwa assoġġetta ruħu kontrattwalment għall-possibilta' li l-Enemalta tkun tista' tissospendi l-provvista tal-elettriku fil-każ li huwa jonqos milli jħallas dak mitlub mill-Enemalta. Dan iffisser li r-rikorrent għażel li jawtorizza bil-firma tiegħu stess lill-Enemalta li tkun tista' taqta' l-provvista tal-elettriku fil-każ li huwa jonqos milli jħallas l-ammonti li kienu ser ikunu reklamati minnu mingħand l-Enemalta. Hawnhekk għalhekk ir-rikorrent stess għażel li jikkonċedi l-jedd lill-Enemalta li tissospendilu s-servizz tal-elettriku jekk huwa jonqos milli jonora l-parti tiegħu tal-ftehim.

[15] "Nifhem illi jekk nonqos minn tali pagament il-provvista tad-dawl tista tiġi maqtugħa mingħar avviż" – fol 100.

Issa f'dan il-każ ma jirriżultax li l-provvista tal-elettriku ġiet effettivament maqtugħa jew sospiża iżda kien hemm it-twissija li dan setgħa jseħħ. Kien hemm interpellazzjonijiet "bonarji" kif ukoll permezz t'ittra uffiċjali sabiex isir il-ħlas pretiż mill-Enemalta u li kienu notifikati lir-rikorrent. Ir-rikorrent ma kienx qiegħed jaqbel li kellu jħallas dawk l-ammonti. Fil-fatt ħareġ ċar li huwa għamel il-ħlas ta' kif ukoll permezz t'ittra uffiċjali sabiex isir il-ħlas pretiż mill-Enemalta u li kienu notifikati lir-rikorrent. Ir-rikorrent ma kienx qiegħed jaqbel li kellu jħallas dawk l-ammonti. Fil-fatt ħareġ ċar li huwa għamel il-ħlas ta' €2167.20 taħt protesta u għax kien ħassu mhedded li jekk ma jħallasx jinqatgħalu s-servizz tal-provvista elettrika.

Issa jirriżulta wkoll li din id-dikjarazzjoni ma ġietx imwetqa in kwantu ma jirriżultax li l-Enemalta ħadet il-miżura drastika li twettaq is-sospensjoni tal-provvista tal-elettriku. Għalkemm skont ċerti awturi Taljani il-figura tat-tentattiv tar-reat ta' *ragion fattasi* hija ġeneralment ammessa, hemm kontestazzjoni dwar il-mument konsumattiv tal-istess reat. Dan huwa ferm aktar faċli li jiġi determinat għall-ordinament ġuridiku Taljan in kwantu a differenza ta' dak Malti jeħtieġ li jkun pruvat l-element tal-vjolenza fuq l-oġġett biex jikkonfigura r-reat ta' *ragion fattasi*. Skont l-***Antolisei***[16] il-mument konsumattiv jintlaħaq fil-mument u meta is-suġġett attiv jilħaq l-iskop li għalih id-dritt pretiż ikun ġie eżerċitat. Biss xorta jibqa' l-fatt li f'dan il-każ id-dritt mhux biss

[16] Parte Speciale, Vol II, 552

pretiż, iżda huwa wieħed legalment konsolidat u kontrattwalment assodat.

Skont l-istess regolament 88(2) il-konsumatur għandu rimedju li wara li r-"riżultanzi" skont is-subregolament (1)(a) u l-ammonti dovuti lill-Enemalta skont is-subregolamenti (1)(b)(c) u (d) jiġu notifikati lill-konsumatur bil-miktub, jew tramite ittra reġistrata jew permezz t'ittra uffiċjali preżentata l-Qorti, l-konsumatur jista' jikkontesta l-imsemmija konklużjonijiet jew ammonti dovuti permezz ta' talba fit-Tribunal tal-Arbitraġġ skont l-iskeda IV li tinstab mal-Att dwar l-Arbitraġġ. Il-konsumatur għandu r-rimedju li jikkontesta l-konklużjonijiet milħuqa mill-Enemalta meta jiġi mgħarraf bil-miktub dwar il-pretensjonijiet tal-Enemalta. Issa jista' jkun li f'dan il-każ l-Enemalta ma mxietx kelma b'kelma ma' dan is-subregolament – biss dan ma jkunx ifisser li r-rimedji li hija għandha skont ir-regolament 88(1) kif imsaħħa bid-dikjarazzjoni ffirmata mir-rikorrent innifsu awtomatikament jieqfu jeżistu. Semmai il-konsumatur ikollu jeddijiet oħra ta' natura ċivili fil-konfront tal-Enemalta fil-każ li hija ma twettaqx il-proċedura ad litteram. Pero dan ma jfissirx li awtomatikament tinkorri fir-reat ta' ragion fattasi minħabba dan in-nuqqas.

L-anqas ma jfisser li bl-eżerċizzju ta' dawn il-jeddijiet l-Enemalta tkun qed tintegra r-reat ta' *ragion fattasi*. L-argument tar-rikorrent dwar li l-

provvista tal-elettriku huwa servizz essenzjali u li għandu jkun protett, jista' forsi jwassal għal rimedji quddiem qrati oħra *si et quatenus* ikun il-każ fil-każijiet kongruwi; pero mhux quddiem din il-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata li hija ċirkoskritta bis-setgħa biex tinvestiga jekk l-aġir allegat ikunx jagħti lok għall-istituzzjoni tal-azzjoni penali fuq bażi *prima faciae*.

Fid-dawl ta' dak kollu espost aktar il-fuq, din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ma tistax tgħid li l-inerzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kienet waħda inġustifikata u ma tqisx li f'dan il-każ fuq bażi *prima faciae* l-kwerela għandha tiġi tradotta fl-azzjoni penali awspikata.

# *DECIDE : -*

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċiedi li tiċħad it-talba. U tordna lir-Reġistratur sabiex jinnotifika din id-deċiżjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija filwaqt li tordna wkoll li din id-deċiżjoni u l-atti tal-kawża jiġu notifikati lill-Avukat Ġenerali fi żmien jumejn tax-xogħol.

***Mogħtija illum it-22 ta' Frar 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***